DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Diċembru 2007

li taġġusta l-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2006, l-1 ta' Settembru 2006, l-1 ta' Ottubru 2006, l-1 ta' Novembru 2006, l-1 ta' Diċembru 2006 u l-1 ta' Jannar 2007 għar-rimunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti b'kuntratt tal-Komunitjiet Ewropej issekondati f'pajjiżi terzi, kif ukoll parti mill-uffiċjali li għadhom assenjati fiż-żewġ Stati Membri l-ġodda matul perjodu massimu ta' 19-il xahar wara l-adeżjoni taż-żewġ Stati Membri l-ġodda

(2008/59/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u r-reġim applikabbli għall-aġenti oħra tal-Komunitajiet, stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], u notevolment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tiegħu,

wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni taż-żewġ Stati Membri, u notevolment l-Artikolu 33(4) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 453/2007 [2] kienu stabbiliti, b'applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, il-koeffiċjenti korrettivi li bihom huma affettwati, mill-1 ta' Lulju 2006, ir-rimunerazzjonijiet imħallsa, fil-valuta tal-pajjiż fejn huma assenjati, lill-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej assenjati f'pajjiżi terzi kif ukoll għal parti mill-uffiċjali li jibqgħu fil-kariga fiż-żewġ Stati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' dsatax-il xahar wara l-adeżjoni.

(2) Jaqbel li jiġi adattat, skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13 ta' l-Anness X ta' l-Istatut, mill-1 ta' Awwissu 2006, l-1 ta' Setttembru 2006, l-1 ta' Ottubru 2006, l-1 ta' Novembru 2006, l-1 ta' Diċembru 2006 u l-1 ta' Jannar 2007, uħud mill-koeffiċjenti korrettivi tiegħu, minħabba li fl-istatistiki għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, il-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skond il-koeffiċjent korrettiv u r-rata tal-kambju korrispondenti, tidher li hi, għal ċerti pajjiżi terzi, superjuri għal 5 % mill-aħħar iffissar jew adattament,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2006, l-1 ta' Settembru 2006, l-1 ta' Ottubru 2006, l-1 ta' Novembru 2006, l-1 ta' Diċembru 2006 u l-1 ta' Jannar 2007, il-koeffiċjenti korrettivi, applikabbli għar-rimunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej assenjati f'pajjiżi terzi kif ukoll għal parti mill-uffiċjali li jibqgħu fil-kariga fiż-żewġ Stati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' dsatax-il xahar wara l-adeżjoni, imħallsa bil-valuta tal-pajjiż fejn ikunu assenjati, huma adattati kif indikat fl-Anness.

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta' dawn ir-rimunerazzjonijiet huma stabbiliti b'konformità mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrispondu mad-data indikata fl-ewwel paragrafu.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Benita FERRERO-WALDNER
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Ir-Reoglament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 337/2007 (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 1).
[2] ĠU L 109, 26.4.2007, p. 1.

ANNESS

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Awwissu 2006
Il-Lesoto	68,3
Il-Madagaskar	76,9
Il-Możambik	76,4
Iż-Żimbabwe	60,1

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Settembru 2006
Is-Senegal	85,5
Il-Jemen	71,9
Iż-Żimbabwe	71,4

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Ottubru 2006
Il-Brażil	79,3
Il-Ginea	55,8
In-Nepal	72,4
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	122,8
Iż-Żimbabwe	82,6

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Novembru 2006
L-Alġerija	91,4
L-Armenja	122,5
L-Indonesja	89,8
Il-Moldova	55,8
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	125,6
Is-Sudan	57,6
Iż-Żimbabwe	95,1

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Diċembru 2006
L-Arġentina	50,7
Iċ-Ċilì	72,4
Il-Gżejjer Solomon	89,1
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	127,1
Ir-Rwanda	89,6
L-Ukraina	106,5
Il-Venezwela	60,9
Iż-Żimbabwe	102,4

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Jannar 2007
Il-Bangladexx	47,1
Botswana	63,3
Il-Brażil	83,9
Burkina Faso	94,9
Il-Ġibuti	96,8
L-Eritrea	49,5
L-Etjopja	88,1
Il-Gambja	58,6
Il-Ġeorġja	99,8
Il-Ginea	52,3
Il-Ġamajka	90,2
Il-Malawi	70,8
Il-Marokk	91,1
Il-Mawrizju	65,7
Il-Messiku	73,7
Il-Możambik	76,1
Il-Pakistan	53,5
Is-Sważiland	56,8
It-Tanzanija	59,5
Il-Jemen	74,5
Iż-Żimbabwe	114,9